

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2015/802

tad-19 ta' Meju 2015

### li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti żjut tqal u prodotti simili

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Taħt l-intestatura 2710 tan-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(1)</sup>, id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni ("dazji doganali") fuq ċerti żjut u prodotti simili li l-piż tal-kostitwenti mhux aromatiċi tagħhom jaqbeż dak tal-kostitwenti aromatiċi huma sospiżi, sakemm daww iż-żjut u prodotti simili huma destinati li jgħaddu minn proċess speċifiku u huma soġġetti għall-proċedura tal-użu finali stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 <sup>(2)</sup> (il-"proċedura tal-użu finali").
- (2) Ċerti żjut u prodotti simili li l-piż tal-kostitwenti aromatiċi tagħhom jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi ("żjut tqal u prodotti simili") kienu, sat-3 ta' April 2013, ukoll ikklassifikati taħt l-intestatura 2710, u b'hekk kienu jgawdu minn trattament ta' eżenzjoni mid-dazju għal perjodu indefinit.
- (3) Madankollu, mill-4 ta' April 2013, daww iż-żjut tqal u prodotti simili ġew ikklassifikati taħt l-intestatura 2707, mingħajr ebda trattament ta' eżenzjoni mid-dazju.
- (4) B'effett mill-1 ta' Lulju 2014, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 <sup>(3)</sup> ta sospensjoni temporanja tad-dazji doganali awtonomi lil daww iż-żjut tqal u prodotti simili.
- (5) Madankollu, peress li fl-Unjoni ma hemm l-ebda provvista ta' tali żjut tqal u prodotti simili, is-sospensjoni temporanja tad-dazji doganali awtonomi kellha tiġi applikata mingħajr l-interruzzjoni matul il-perijodu mill-4 ta' April 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014, sakemm daww iż-żjut tqal u prodotti simili kienu destinati għall-użu bħala materja prima tar-raffinerija biex jgħaddu minn proċess speċifiku u kienu soġġetti għall-proċedura tal-użu finali.
- (6) Għaldaqstant, bil-għan li jiġi żgurat b'mod adegwat il-benefiċċju tas-sospensjoni temporanja tad-dazji doganali awtonomi fir-rigward ta' daww iż-żjut tqal u prodotti simili li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2707 99 99, is-sospensjoni temporanja għandha tapplika b'effett retroattiv mill-4 ta' April 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014.
- (7) Sabiex jingħata effett għal tali sospensjoni retroattiva tad-dazji doganali awtonomi, l-effett retroattiv tal-awtorizzazzjoni għal użu finali korrispondenti, kif stipulat fl-Artikolu 294(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, għandu wkoll jiġi estiż sal-4 ta' April 2013,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Mill-4 ta' April 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014, id-dazji doganali awtonomi fuq żjut tqal u prodotti simili li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2707 99 99 destinati għall-użu bħala materja prima tar-raffinerija biex jgħaddu minn wieħed mill-proċessi

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

<sup>(3)</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1344/2011 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 201).

speċifiċi deskritti fin-nota addizzjonali 5 għall-Kapitolu 27 tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandhom jiġu sospiżi, sakemm ir-regoli dwar il-proċedura tal-użu finali stabbiliti fl-Artikoli minn 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jiġu applikati.

Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, l-effett retroattiv ta' awtorizzazzjoni għal użu finali kif stipulat fl-Artikolu 294(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jista' jiġi estiż sal-4 ta' April 2013 sakemm il-kondizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikolu 294(3) ta' dak ir-Regolament jiġu ssodisfati.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Mejju 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. RINKĒVIČS

---